**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 20 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1061/02AE**

**Frank Borda Limited**

**Vs**

**Carlo u Sylvana Montebello**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65), in kwantu ghal Lm60 bilanc ta' prezz ta' *washing machine* u Lm5 spejjez ta' ittra legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**